**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 02 ta' Dicembru 2024**

**Avviż Numru 133/2019**

**Solidbase Laboratory Limited (C33162)**

**Vs**

**Horace Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' għaxart elef, sitt mija, disa' u disgħin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€10,699.32) dovuti lilha bħala bilanċ ta' ammont ikbar, liema ammont kien dovut ai termini ta' kuntratt ta' xogħol ta' kostruzzjoni ffirmat mill-konvenut u mis-soċjetà attriċi quddiem il-Perit Hector Zammit fit-8 ta' Frar, 2017 permezz ta' liema kuntratt l-konvenut appuntaha biex twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-fond numru 11/14, Triq il-Lvant, kantuniera ma' Triq Sta. Luċija, kantuniera ma' Triq Sant' Ursola, il-Belt Valletta;

Rat ir-risposta tal-konvenut ippreżentata fis-16 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti :

1. *Illi t-talba għandha tiġi miċħudha u dana stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti lis-soċjeta rikorrenti u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana peress li l-prezzijiet li ftehmu l-partijiet u x-xogħol li sar fis-sit kienu ċertifikati mill-perit Hector*

*Zammit u sal-llum ma hemm xejn aktar pendenti li għad fadallu x'jitħallas;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall kull proċedura spettanti lil-esponenti, hija s-soċjeta rikorrenti li għandha tagħti lil-esponenti u dana peress li hi kienet tardiva fix-xogħolijiet li obbligat ruħha li tagħmel u anki abbandunat ix-xogħolijiet li suppost kellha tlesti u tesegwixxi skont is-sengħa u l-arti; illi għalhekk s-soċjeta rikorrenti għandha skont l-istess ftehim tagħmel tajjeb għall penali skont il-klawsola <D> numru (1) fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) għall kull jum li qabżet u wassal għall dewmien peress li ma kien hemm ebda raġuni valida għall dan;*

Rat illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru 2019, in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi ;

Rat is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2023 fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-affidavits;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjeta` attriċi pproċediet bil-kawża odjerna kontra l-konvenut sabiex jiġi sodisfatt kreditu li hija tippretendi li għandha fil-konfront tal-istess konvenut għal xogħlijiet li saru a benefiċċju tiegħu f'żewġ fondi ġewwa l-Belt Valletta.

Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tirriżulta minn skrittura privata għal xogħol ta' kostruzzjoni li ġiet ifirmata fit-8 ta' Frar

2017.[1] Illi skont l-istess skrittura x-xogħol kellu jibda fil-15 ta' Frar 2017 u jispiċċa sal-aħħar ta' Awissu 2017. Illi mill-*hourly logs* esebiti minn Kenneth Spiteri jirriżulta illi x-xogħol beda fl-14 ta' Frar 2017. Mill-istess *logs* jirriżulta wkoll illi s-soċjeta\` attriċi inkarigat lis-soċjeta\` Dimbros biex tagħmel it-tqattigħ tal-blat. Fir-rigward ta' pagamenti u prezzijiet għal dan ix-xogħol, il-partijiet ftehmu dan li ġej, u ċioe\`:

***C. PAGAMENTI***

*1. Il-pagamenti jsiru akkont max-xogħol fuq il-parir tal-Perit iżda l-kejl isir wara li jitlesta t-tqattiegħ tal-blat, u mbagħad ma kull livell (sular).*

*2. Il-pagament finali jsir fi żmien erbatax-il ġurnata mill-ħruġ tal-aħħar kont.*

*3. Is-sid u l-kuntrattur jaqblu li jaqsmu ugwalment id-drittijiet tal-kejl u ċertifikazzjoni bir-rata ta' 2% fuq l-ispiża tal-proġett dovuti lill-Perit responsabbli mill-proġett sabiex dan jippermetti lill-kuntrattur aċċess għad-dokumenti meħtieġa għall-bini tal-proġett kif ukoll assisstenza professjonali mill-Perit hekk kif ikun meħtieġ. Is-sid għalhekk qiegħed hawnhekk jagħti l-permess lill-Perit sabiex jgħaddi dawk id-dokumenti neċessarji lill-kuntrattur sabiex jitlesta l-proġett.*

***E. PREZZIJIET***

1. *Il-prezzijiet jibqgħu jgħoddu sakemm jitlesta x-xogħol. Fil-każ ta' tibdil uffiċjali fil-prezzijiet ta' materjal jew ta' pagi dawn jiġu kkunsidrati mill-Perit mingħajr marġini ta' profitt. L-ebda varjazzjoni ma tiġi kkunsidrata wara d-data mogħtija għat-tlestija tax-xogħlijiet.*

2. *Il-kejl isir bil-magħluq fil-każ ta' ħnejjiet. Fejn jidħlu travi jew blajjet tal-konkrit akbar minn 1.50m (5') il-kuntrattur jingħata pied u nofs għal kull koxxa ffurmata.*

---

[1] Dokument a fol. 2 *et sequitur*

3. *Fil-każ ta' prezzijiet mhux mifthema, dawn jiġu stmati mill-Perit fuq bażi ta' dawk mifthema.*

4. *Il-prezzijiet ma jinkludux VAT (18%) jew taxxi oħra.*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi dan ix-xogħol ma ġiex kompletat b'kull parti twaħħal fl-oħra għal tali akkadut.

Illi qabel ma nghatat is-sentenza preliminari, xehdu s-segwenti xhieda, u cioe`:

**Horace Grech** xehed illi huwa dejjem ħallas kull kont li ħareġ il-Perit Hector Zammit u l-aħħar ċekk li ħareġ kien jinkludi l-bilanċ li kien dovut lis-soċjeta` attriċi u għalhekk għamlu għas-saldu. Spjega li s-soċjeta` attriċi abbandunat il-proġett u għalkemm sarrfet iċ-ċekk li kien bagħat għas-saldu, l-istess soċjeta` baqgħat tibgħatlu l-kontijiet. Il-konvenut esebixxa l-kont finali li nħareġ mill-Perit Zammit fit-28 ta' Awwissu 2017 li minnu jirriżulta li l-ħlas għax-xogħol li kien sar kien jammonta għal tmienja u għoxrin elf, sitt mija u għoxrin ewro u disa' u disgħin ċenteżmu (€28,620.99).[2] Fuq l-istess kont tidher kitba manwali bil-kliem "sum paid €23,168.37)" u għalhekk il-bilanċ dovut kien ta' €5,452.62 li magħhom ingħaddu l-ammont ta' €2267.08 rappreżentanti ħlas ta' parkeġġ, *project management* u *quality assurance* u *health and safety*. Illi għalhekk huwa ssalda dan il-kreditu permezz ta' ċekk maħruġ fit-12 ta' Settembru 2017.[3] Dan iċ-ċekk kien preċedut minn numru ta' ċekkijiet oħra li nħarġu mill-konvenut favur is-soċjeta` attriċi.

In kontro-eżami xehed illi r-rati miftehmin mas-soċjeta` attriċi kienu mniżżla bl-idejn fuq id-dokument li ffirma dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt pero` ma kienx ċert kinux dawk li jidhru fuq id-dokument a fol. 61. Spjega wkoll illi huma kienu ftehmu dwar il-gerriema mill-bidu pero` ma kienx jaf jekk fil-fatt il-gerriema ntużatx.

**Il-Perit Joe Bugeja** xehed illi huwa konsulent tekniku u Perit tas-soċjeta` attriċi. Spjega li wara li beda x-xogħol ta' skavar,

---

[2] Dokument HG2 a fol. 24

[3] Dokument F a fol. 37

instab dagħbien u skavar ieħor antik ta' bjar illi ma kinux jidhru fil-pjanti tal-Perit Hector Zammit. Għalhekk dan l-iżvilupp ikkomunikah lill-Perit Zammit u lill-konvenut. Dan wassal għal xogħol żejjed imma neċessarju għas-sigurta` tal-post innifsu u tar-residenzi u toroq adjaċenti. Illi sabiex isir dan ix-xogħol addizzjonali kellu jintuża makkinarju speċjalizzat, u ċioe` *rotary cutter* jew gerriema, liema xogħolijiet addizzjonali ġew approvati kemm mill-Perit Zammit u kemm mill-konvenut. Spjega li s-sejba ta' bjar waqqa' x-xogħol lura u jisħaq li l-Perit Zammit naqas mill-obbligi tiegħu li jagħmel *disclosure* fil-ħin propizju lis-soċjeta` attriċi. Xehed illi fit-2 ta' Ottubru 2017 saret laqgħa fejn kien preżenti hu, Kenneth Spiteri u l-Perit Zammit fejn il-Perit Zammit ma ċaħadx li kien qabel mar-rata ta' mija u għaxar ewro (€110) –il jarda kubu, liema rata kienet tinkludi l-użu tal-gerriema. Pero` stqarr li l-Perit Zammit kien ħareġ il-kont skont ir-rata oriġinali ta' tmenin ewro (€80) u mhux skont ir-rata miftehma u aġġornata.

**Kenneth Spiteri** xehed illi huwa azzjonist u Lab Manager mas-soċjeta` attriċi. Spjega li filwaqt li meta ftehmu dwar ix-xogħlijiet fit-8 ta' Frar 2017, ftehmu wkoll dwar il-prezzijiet, pero` l-prezz tal-gerriema ma kienx indikat f'din il-lista ta' prezzijiet pero` l-istess prezz kien ġie komunikat lill-Perit Zammit u lill-konvenut qabel ma sar il-kuntratt. Spjega li l-gerriema kienet meħtieġa kemm minħabba kwistjonijiet ta' polza ta' assigurazzjoni u kif ukoll sabiex il-vibrazzjonijiet ikunu limitati kemm jista' jkun. Spjega li fil-31 ta' Marzu ħarġu l-ewwel kont għat-tqattigħ u tħammil li kien jinkludi l-ħlas ta' 185.24 jardi kubi ta' tqattigħ, tħammil u rimi bir-rata miftehma ta' €80 il-jarda kubu u kif ukoll 110 sigħat ta' użu tal-gerriema bir-rata ta' €60 fis-siegħa. Xehed illi dan il-kont ġie kontestat mill-konvenut għaliex sostna li ma kienx jaf li l-gerriema se tintuża għal daqshekk sigħat. Għalhekk laħqu ftehim sabiex il-prezz komplessiv ikun ta' €110 kull jarda kubu, liema rata tinkludi t-tqattigħ bil-gerriema, tqattigħ bl-idejn, tħammil u rimi bil-jarda. Għalhekk is-soċjeta` attriċi ħarġet *credit note* għall-ammonti kontestati fl-*invoice* tal-31 ta' Marzu 2017 konċernanti is-sigħat tal-użu tal-gerriema u x-xogħol ta' tħammil u rimi biex iktar 'il quddiem toħroġ *invoice* aġġornata bir-rata l-ġdida.

Ix-xhud spjega illi fl-4 ta' Awwissu 2017 il-konvenut waqqaf il-kuntratt bla pre-avviż billi ċempillu u ordnalu jmur jiġbor l-għodda, ikejjel ix-xogħol li kien tlesta u jitlaq minn fuq is-sit. Għalhekk huwa kejjel ix-xogħol flimkien ma' Delcimo Desira, *draughtsman* mal-Perit Hector Zammit u qablu fuq iċ-ċifra ta' 302.93 jarda kubu. Sussegwentement, fil-11 ta' Awwissu 2017 ħareġ l-aħħar *invoice*, liema *invoice* baqgħat ma tħallsitx sakemm fil-5 ta' Settembru 2017 irċieva ittra mingħand l-avukat tal-konvenut flimkien ma' żewġ ċekkijiet. Spjega li l-Perit Zammit ħareġ kont fuq il-kejl aħħari bir-rata ta' tmenin ewro (€80)-il jarda kubu u mhux bir-rata ta' mija u għaxar ewro (€110) kif miftiehem. Sostna illi s-soċjeta` attriċi qatt ma aċċettat il-pagament permezz tal-aħħar żewġ ċekkijiet bħala ħlas għas-saldu u ġew imsarrfa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet spettanti lilhom. Dan ġie ndikat fl-iskambju ta' emejls tal-14 ta' Settembru 2017 bejn il-Perit Joe Bugeja u l-avukat tal-konvenut u konfermat fl-emejls bejn l-avukat tas-soċjeta` attriċi u l-avukat tal-konvenut tat-30 ta' Settembru 2017.

**Oswald Mifsud** xehed illi huwa kien jaħdem *part-time* mas-soċjeta` attriċi u li fl-2017 ħadem ġewwa l-post tal-konvenut fejn xogħlu kien iqatta' l-blat bl-idejn. Spjega li l-konvenut kien jgħidilhom biex iħaffu għax daqt jispiċċawlu l-flus u kemm-il darba qalilhom li ma kienx jaf li l-ispejjeż tal-proġetti kienu se jitilgħu daqshekk peress li kellu proġett ieħor fiż-Żejtun għaddej fl-istess ħin. Jgħid li jiftakar li f'Awwissu 2017 kien mar uffiċjal tal-Gvern iwaqqafhom milli jaħdmu peress li kien daħal iż-żmien tas-Sajf u dak iż-żmien ma seta' jsir ebda xogħol ta' tqattigħ ta' blat minħabba l-istorbju. Dakinhar l-imgħallem tiegħu, Kenneth Spiteri, kien ċempel lill-konvenut u avżah b'dan kollu, u wara ftit il-konvenut reġa' ċempillu u qallu li kien se jibgħat lil Delcimo Desira biex ikejjel sa fejn qattgħu, sabiex jiġbru l-għodda u joħorġu 'l barra mis-sit. Spjega li eventwalment iltaqgħu fuq is-sit hu, Kenneth Spiteri, Delcimo Desira fejn Kenneth u Desira kkalkulaw ix-xogħol bir-rata ta' €110 –il jarda kubu biex jaraw bejn wieħed u ieħor kemm se jiġi l-kont.

**Karl Jos Dimech** xehed illi huwa jaħdem mal-Kumpanija Dimbros Ltd li fl-2017 għamlet xogħol ta' skavar fuq inkarigu tas-soċjeta` attriċi f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta. Ix-xogħol kien jikkonsisti fi tqattigħ bil-gerriema u

dam madwar erba' xhur. Ir-rata tax-xogħol kienet ta' €50 fis-siegħa u huma tħallsu tax-xogħol li għamlu da parti tas-soċjeta` attriċi.

**Il-Perit Hector Zammit** xehed illi huwa kien il-Perit inkarigat mill-konvenut biex japplika għall-permessi neċessarji mal-Awtorita` tal-Ippjanar u biex jissorvelja x-xogħol li kellu jsir. B'referenza għall-użu tal-gerriema u għar-rati tal-istess makkinarju, ix-xhud wieġeb li jiftakar li kien hemm xi diskussjonijiet dwar prezzijiet pero` ma kienx jaf jekk kienx hemm qbil dwar l-istess. Lanqas ma ftakar jekk fuq is-sit sarx xogħol bil-gerriema. Spjega li huwa ma kienx jaf li kien hemm kawża għaddejja dwar dan il-proġett.

**Robert Bugeja** xehed illi huwa direttur finanzjarju tas-soċjeta` attriċi. Spjega li għad hemm dovut il-bilanċ reklamat permezz ta' din il-kawża u li s-soċjeta` attriċi ma kinitx aċċettat li l-pagament li kien għamel il-konvenut kien għas-saldu tal-bilanċ li kien għad fadal.

Wara li ġiet ippronunzjata s-sentenza preliminari, reġa' ġie prodott il-**Perit Hector Zammit** li spjega li r-rati miftehmin mas-soċjeta` attriċi kienu dawk miktubin bl-idejn fil-ġenb fuq id-dokument a fol. 61. Spjega li d-diżgwid li kien hemm bejn il-partijiet kien dovut għall-fatt li s-soċjeta` attriċi kienet qed tippretendi ħlas bir-rata ta' €110-il jarda kubu għat-tħammil, ġarr u rimi ta' materjal mentri fuq id-dokument imsemmi kienu qablu fuq €80. Fir-rigward ta' emejl esebita a fol. 62 minn Kenneth Spiteri mibgħuta lill-konvenut, liema emejl kienet ikkupjata wkoll lilu, il-Perit Zammit stqarr illi fl-istess emejl kien hemm imniżżel ir-rata ta' €60 is-siegħa għall-gerriema u r-rata ta' €80 kull jarda kubu għall-iskavar ta' materjal solidu. Spjega li pero` l-gerriema ma ntużatx.

Il-Perit Zammit spjega li l-konvenut kien inkarigaħ jagħmel żewġ kontijiet, wieħed bir-rata ta' €80 u l-ieħor bir-rata ta' €110 u dan sabiex jekk ma jkunx hemm xi differenza kbira jaqbad u jirranga. Pero` d-differenza rriżultat sostanzjali.

In kontro-eżami, l-Perit Zammit kkonferma li l-gerriema ma ntużatx. Mistoqsi jekk l-assikurazzjoni kinitx esiġiet li tintuża l-gerriema, il-Perit wieġeb li ma jiftakarx.

In ri-eżami xehed illi kieku kienu ġew miftehma xi prezzijiet oħra oltre dawk miftehma fuq il-kuntratt, kien jitlob li dawn jiġu ffirmati.

Reġa' xehed ukoll il-**konvenut** li stqarr illi r-rati ġew irranġati quddiem il-Perit u r-rata in kwistjoni kienet dik ta' €80 kull jarda kubu. Mistoqsi meta sar jaf li s-soċjeta` attriċi kienet qed tippretendi r-rata ta' €110, il-konvenut stqarr li Kenneth kien qallu li ħa jgħollu r-rata u hu qallu biex jitkellimha mal-Perit ladarba l-kuntratt kien iffirmat. Meta s-soċjeta` attriċi bagħtet il-kontijiet, huwa ħallashom bir-rata ta' €80 kull jarda kubu kif kienu miftehmin.

Illi sar ukoll il-kontro-eżami ta' **Kenneth Spiteri** li spjega li r-rati miftehma kienu dawk a fol. 61 tal-proċess. Qal li pero` dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt dwar ir-rati, ma kinux jafu li se jiġu bżonn il-gerriema. Kien biss wara li nqala' l-bżonn tal-gerriema u dana peress li l-assikurazzjoni ma riditx tkopri lill-konvenut jekk ma tintużax il-gerriema. Fir-rigward tal-emejl tal-31 ta' Jannar 2016, u ċioe` dwar ir-rata tal-gerriema, ix-xhud spjega li ma jafx jekk kienx irċieva risposta, pero` jekk ma kinux tawhom risposta bl-emejl, żgur li bil-fomm kienu tawhom risposta. Illi dwar ir-rata ta' €110 huwa spjega s-segwenti:

*Għax hu li ġara aħna mbagħad wara dik il-laqgħa meta ffirmajna dawk il-prezzijiet ħriġna l-ewwel kont ta' parti minnu pereżempju xi 180 jarda minnhom. Ma nafx bl-amment in-numru. U Horace qalilna "Kemm ġie għoli? Għaliex tela' daqshekk? Minn 80 ġie –" Għidtlu "Mhux minħabba l-użu tal-gerriema u hemm partijiet qed inqattgħuhom b'idejna?" Qalli "Le ta" qalli "jien mhux se nkompli naħdem hekk. Tridu ttuni prezz li nkun naf kemm ħa jiġini t-tqattigħ bil-jarda." U li għamilt kont qbadna kemm għamilna jardi, qbadna kemm ġie l-prezz, iddividejnih u pereżempju xi 115-il ewro kien. Kien ġie naqra iktar minn 110. U f'dik il-laqgħa li ltqajna mbagħad flimkien fejn erġajna aggornajna l-prezz naqqastlu 5 euro minnhom u ħareġ dan il-prezz ta' 110 u kien hemm dan il-gentleman's agreement li*

*issa se ninvojsjaw bil-110 u m'hemmx iktar kejl ta' tqattigħ, ta' sigħat ta' gerriema u jekk nagħmluhx bl-idejn. Għax bl-idejn kien bil-170 pereżempju l-jarda. U fuq wara tal-binja jekk tmur tara l-blat kollu bl-idejn qattajnieh. Xorta ma invojsjajniehx bil-170 għax kienet ġiet maqbula dik ir-rata. Jiġifieri kieku xorta ma jridx iħallas bit-80. Bl-istess raġunament ta' dak il-kuntratt mela li qattajna bl-idejn iħallasna bil-170 mhux bit-80. Jiġifieri hu kien hemm dak il-gentleman's agreement li jiena mxejt miegħu. Issa jekk hu dan nesieh jew qed jgħid li ma sarx ma nafx imma kieku għall-inqas mela l-kejl messu sar fejn qattajna b'idejna messu ħallasna bl-idejn mhux ħallasna bl-80.*

Is-Sur Spiteri kompla jgħid illi l-konvenut kien qabel ma' din ir-rata għaliex kieku ma kinux ikomplu bix-xogħol. Xehed illi preżenti għal dan il-ftehim kien hemm ukoll Delcimo li jaħdem fl-uffiċju tal-Perit Zammit.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kwistjoni ċentrali ta' din il-kawża hija jekk il-kontijiet li ħarġet is-soċjeta` attriċi inħarġux abbażi tar-rati li suppost ġew miftehma bejn il-partijiet. Filwaqt li l-konvenut isostni li r-rati ta' tħammil, ġarr u rimi ta' materjal ġie miftiehem bi €80 -il jarda kubu, is-soċjeta` attriċi ssostni li filwaqt li fid-dokument iffirmat minnhom dik hija r-rata, sussegwentement inqala' l-bżonn li l-iskavar isir bil-gerriema u għalhekk inkorrew spejjeż addizjonali u waslu fi ftehim mal-konvenut li r-rata għandha tkun ta' €110 kull jarda kubu għalkemm fil-verita` r-rata miftehma kienet ta' €140 għal kull jarda kubu.

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ verzjonijiet differenti. Min-naħa waħda s-soċjeta` attriċi ssostni illi wara li ġie ffirmat il-ftehim tas-7 ta' Frar 2017, kien hemm ftehim mal-konvenut u mal-Perit Zammit dwar ir-rata ta' €110 kull jarda kubu peress li kien meħtieġ li tintuża l-gerriema. Skont is-soċjeta` attriċi din ir-rata ġiet maqbula bejn il-partijiet wara li l-konvenut oġġezzjona għall-kontijiet dwar il-gerriema. Għalhekk laħqu kompromess li r-rata għandha tkun ta' €110. Min-naħa l-oħra il-konvenut jiċħad kategorikament illi huwa daħal f'dan il-ftehim mas-soċjeta` attriċi. Saħansitra l-Perit Zammit f'xhieda

minnhom jiċħad kategorikament li ntużat il-gerriema, pero` sussegwentement stqarr li ma jiftakarx jekk intużatx.

Illi minn eżami tal-provi mressqa mis-soċjeta` attriċi jirriżulta illi l-gerriema kienet tintuża mis-soċjeta` Dimbros fuq inkariġu tagħha. Di fatti, rappreżentant tas-soċjeta` Dimbros xehed illi b'kollox ħadmu mija u għaxar sigħat bil-gerriema fil-fond tal-konvenut, għal liema xogħol ġew imħallsa mis-soċjeta` attriċi.

Illi din il-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen illi s-soċjeta` attriċi kienet se tidħol għal spejjeż li dwarhom ma kienx hemm ftehim mal-konvenut. Il-Qorti hija tal-fehma illi wara li nqala' l-bżonn tal-gerriema, is-soċjeta` attriċi nfurmat b'dan lill-konvenut, li qabel li tintuża din l-għodda pero` meta ġie rinfaċċjat bil-kontijiet kien sorpriż għaliex ma ppretendiex li kienet se tintuża daqshekk. Għalhekk is-soċjeta` attriċi pproponiet li jkun hemm kompromess u l-partijiet waslu biex qablu fuq ir-rata ta' €110. Dan huwa korroborat mill-fatt illi s-soċjeta` attriċi wara li fil-31 ta' Marzu 2017 ħarġet fattura għall-ħlas ta' *disposal of material* u *excavation of material* bir-rata ta' €80 għad-*disposal of material* u bir-rata ta' €60 għall-*excavation of material*,[4] fil-11 ta' Awwissu 2017 ħarġet *credit note* favur il-konvenut.[5] Fl-istess ġurnata hija ħarġet fattura għall-ħlas wara l-kejl li sar bejn ir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi u rappreżentant mill-uffiċju tal-Perit Zammit.[6] Illi l-Qorti tinnota illi l-konvenut bl-ebda mod ma ta xi spjegazzjoni għala ħarġet l-imsemmija *credit note* favur tiegħu. Kienet is-soċjeta` attriċi li tat tali spjegazzjoni, liema spjegazzjoni l-Qorti ssib li ġiet ippruvata fuq bilanċ ta' probabilita` meta wieħed jikkonsidra l-kwadru kollu tal-fatti.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, u ċioe` li hija s-soċjeta` attriċi li għandha tagħti lill-konvenut u dana peress li kienet tardiva fix-xogħlijiet u abbandunat l-istess xogħlijiet. Illi dwar din l-eċċezzjoni il-provi huma rudimentali u ċertament ma jlaħħqux dak il-livell ta' prova rikjesta fil-liġi.

Illi għaldaqstant il-Qorti tqis illi s-soċjeta` attriċi ippruvat il-pretensjoni tagħha skont il-liġi.

---

4 Dokument D a fol. 63
5 Dokument F a fol. 67
6 Dokument G a fol. 68

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, filwaqt li qiegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' għaxart elef, sitt mija, disgħa u disgħin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€10,699.32) dovuti lilha bħala bilanċ ta' ammont ikbar, liema ammont huwa dovut ai termini ta' kuntratt ta' xogħol ta' kostruzzjoni ffirmat mill-konvenut u mis-soċjetà attriċi fit-8 ta' Frar, 2017 permezz ta' liema kuntratt l-konvenut appuntaha biex twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-fond numru 11/14, Triq il-Lvant, kantuniera ma' Triq Santa Luċija, kantuniera ma' Triq Sant' Ursola, il-Belt Valletta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**